MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 195/2007

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Paul u Alexandra mizzewgin Borg (I.D. nru. 150562 u 197562(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih il-Bank of Valletta ippremetta illi:

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Spiteri Debono datat 19 ta` Gunju, 2003 (Dok. A), skrittura privata datata 9 ta` Awissu, 2003 (Dok. B), u *'Credit Card Application Form'* (Dok. C) is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Paul u Alexandra mizzewgin Borg;

2. Is-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta` Paul u Alexandra mizzewgin Borg fis-somma ta` sebgha u tletin elf, tlieta u erbghin Liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm37,043.12) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta` Paul u Alexandra mizzewgin Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. *"D1 sa D2"*, Dok. *"E1 sa E2"*, Dok. *"F",* u Dok. *"G"*) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mill-1 ta` Frar, 2007 sad-data ta` l-effettiv pagament;

3. Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument *"A u B"*) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Paul u Alexandra mizzewgin Borg;

(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess Paul u Alexandra mizzewgin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Il-konvenuti gew interpellati permezz ta` ittra ufficjali datata 3 ta` Awissu, 2006 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. *"H"*, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument *"A u B"*) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Paul u Alexandra mizzewgin Borg (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f`obbligi ohra minnhom

assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess Paul u Alexandra mizzewgin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lil Paul u Alexandra mizzewgin Borg jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` sebgha u tletin elf, tlieta u erbghin liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm37,043.12) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta` Paul u Alexandra mizzewgin Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. *"D1 sa D2"*, Dok. *"E1 sa E2"*, Dok. *"F"*, u Dok. *"G"*) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mill-1 ta` Frar, 2007 sad-data ta` l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 3 ta` Awissu, 2006 u tal-Mandati ta` Sekwestru u ta` Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat li l-intimati, ghalkemm debitament notifikati ma pprezentaw ebda risposta.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat l-atti kollha esebiti.

Rat in-nota a fol. 29 tal-process li biha l-intimati Paul u Alexandra Borg ammettew it-talbiet tal-Bank rikorrent.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet tal-Bank rikorrent u (1) tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet insemmija fil-kuntratt datat 19 ta` Gunju, 2003, u (2) tikkundanna lil Paul u Alexandra mizzewgin Borg ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` sebgha u tletin elf, tlieta u erbghin liri Maltin u tnax il-centezmu (Lm37,043.12) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta` Frar, 2007 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 3 ta` Awissu, 2006 u tal-mandati ta` sekwestru u ta` qbid kontra l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------